**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 357/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Camilleri**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Carmel Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 236469(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ġie akkużat talli fil-kapaċità tiegħu personali u/jew bħala klijent li għalih qiegħed isir xogħol u direttur ta' Camland Limited fis-sit sitwat fi Triq Maestro Ġiuseppe Busuttil, Swatar, Birkirkara, nhar il-15 ta' Lulju 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel naqas milli jħares is-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424.
2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tiegħu ta' klijent naqas milli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol billi naqas milli jfassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' Art. 5(4)(a) ta' A.L. 88/2018.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tal-15 ta' Lulju 2020, sabiex tissalvargwardja s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att XXVII/2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 6(1)(2), u 17(1) tal- Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 3(3), 5(4)(a) u 15 tal-Liġi Sussidjarja 424.36 tal-Liġijiet ta' Malta sabet l-imputat Carmel Camilleri detentur tal-karta ta' l-identità numru 236469M ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundanatu għal multa komplessiva ta' tlett elef Ewro (€3,000).

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Camilleri, ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata tat-13 ta' Ottubru 2023 fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u dan għar-raġuni li fiċ-ċitazzjoni huwa kien mixli bil-vjolazzjoni tal-liġi hemmhekk infraskritta li seħħet "fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi", u allura b'referenza għaż-żmien temporali ndikat fiċ-ċitazzjoni tal-15 ta' Lulju 2020 'matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel', iżda mhux fiż-żminijiet li ġew wara din id-data, u għalhekk mid-diċitura taċ-ċitazzjoni odjerna, huwa ma seta' qatt jinstab ħati ta' dana l-allegat ksur li bih kien akkuzat.

Illi, fit-tielet imputazzjoni l-appellant kien mixli li "**fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tad-15 ta' Lulju 2020, sabiex tissalvargwardja s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att XXVII/2000**", bil-frażi "*fl-istess żminijiet*" tirreferi għall-parametri temporali msemmija fid-diċitura ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u ċioe' "**nhar il-15 ta' Lulju 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel**".

Illi, minn eżami tal-atti jirriżulta li l-"*istop order*" li għalih tirreferi propju dina t-tielet akkuża addebitata lill-appellant kienet maħruġa nhar il-15 ta' Lulju 2020 u ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan. Inġiebet prova ukoll, kif jemerġi mit-testimonjanza ta' Clinton Cachia, in rappreżentanza tal-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, li nhar is-27 ta' Lulju 2020, huwa kien osserva li x-xogħolijiet fuq is-sit kienu komplew għaddejjin, minkejja li kien għad hemm l-*istop order*" *in vigore*.

Jikkonsewgi għalhekk illi ġaldarba l-Ordni ta' Twaqqif inħareġ proprju fil-jum tal-15 ta' Lulju 2020 u ġaldarba irriżulta illi fis-27 ta' Lulju 2020 ix-xogħolijiet komplew għaddejjin kwindi fil-jum tal-15 ta' Lulju 2020 għalkemm kien hemm l-Ordni biex l-appellant jieqaf mix-xogħolijiet din l-Ordni ma kenitx minnu obduta. Huwa inutli li l-appellant jipprova ipoġġi din il-vjolazzjoni tal-liġi fil-parametri temporali tal-ġranet sussegwenti għall-15 ta' Lulju 2020, u dan għaliex huwa evidenti illi ġaladarba ix-xogħolijiet komplew għaddejjin, l-Ordni tal-15 ta' Lulju 2020 ma kenitx qed tkun minnu osservata u kwindi din it-tielet imputazzjoni tirriżulta ippruvata, u għaldaqstant id-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward qed tkun ikkonfermata.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq ilment ulterjuri fejn jisħaq li huwa ma seta' qatt jinstab ħati tat-tieni mputazzjoni u dana għaliex il-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma resqet prova li kien hemm pjan tas-saħħa u s-sigurta' fis-seħħ.

Illi, l-appellant huwa mixli fit-tieni mputazzjoni illi "**fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tiegħu ta' klijent naqas milli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa**

**għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol billi naqas milli jfassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' Art. 5(4)(a) ta' A.L. 88/2018"**. Illi r-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36, li huwa rilevanti għal fini tal-proċediment fir-rigward ta' dan ir-reat jistabbilixxi l-inverżjoni tal-prova bil-persuna mixlija bl-infrazjoni tal-liġi trid tipprova li hija ottemperat ruħha mal-liġi: –

> **F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, <u>ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit</u>.**

Illi, mill-provi prodotti jirriżulta li skond il-*Construction Notification Form*" datata 5 ta' Diċembru 2015, l-appellant kien il-klijent in kwistjoni filwaqt li l-*Project Supervisor*" kien Aldo Busuttil. Di fatti mix-xhieda ta' l-istess Aldo Busuttil, jirriżulta li huwa kien preċedentement jaħdem ma' *AME Health and Safety Services Ltd.* fejn kien tqabbad mill-appellant sabiex jagħmel ix-xogħol ta' *Project Supervisor*. Huwa jisħaq li inizjalment kien jagħmilhom huwa l-ispezzjonijiet fuq il-post pero' imbagħad kien jibgħat impjegati oħra minfloku. Dana huwa filfatt evidenzjat miz-zewġ rapporti li jinsabu ezebiti in atti, li t-tnejn li huma saru minn ċertu Kim Pace, in rapprezentanza ta' *AME Health & Safety Services Ltd.*

Mill-ewwel rapport datat is-6 ta' Lulju 2020, jirriżultaw is-segwenti nuqqasijiet li hija sabet fuq is-sit in kwistjoni -

- ***The gate/door must be kept closed at all times (high risk)***
- ***The access into the site must be improved and rendered safe (high risk)***
- ***Emergency signs must be fixed on site (medium risk)***
- ***Signs re. assembly point must be fixed on site (medium risk)***
- ***The ladder is too short for its intended use. The ladder must be 1 meter longer than the place of landing (stop works)***

Illi, jirriżulta li dawn in-nuqqasijiet baqgħu viġenti anke meta l-istess Kim Pace reġgħet għamlet spezzjoni oħra fuq il-post nhar it-13 ta' Lulju 2020, b'dan illi dakinhar sabet ukoll nuqqas ieħor -

> ***Falls from heights – Stop Works – All exposed edges with a risk of falls from height require guardrails to be installed immediately. Guard rails must be 50cm and 100cm high from floor level and must include a toeboard. Protection reailings, barriers must be of good construction, of suitable and sound material and of adequate strength. (stop works)***

Illi, Aldo Busuttil kien sussegwentement ikkonferma li dawn ir-rapporti ntbagħtu lill-appellant u għaldaqstant huwa kien konxju tan-nuqqasijiet in dizamina.

Illi, dawn iż-żewġ xhieda tressqu mill-Prosekuzzjoni, bl-appellant iżda fl-ebda ħin ma jmeri din l-evidenza, kif lanqas iressaq provi illi qabel inbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni fis-sit kien hemm xi pjan ta' saħħa u sigurta' fuq saqajh. Jirriżulta ukoll li fir-rigward ta' dawn in-nuqqasijiet issenjalati lill-appellant, kemm mill-*Project supervisor* tiegħu, huwa baqa' inadempjenti, tant li meta saret l-ispezzjoni minn naħa tal-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, l-istess nuqqasijiet kienu għadhom filfatt preżenti. Għalhekk, it-tieni aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u m'hemm xejn sindikabbli fid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aħħar gravam tal-appellant jikkonċerna s-sejbien ta' ħtija għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li ir-riskju tal-waqgħat mill-għoli f'ambjenti interni kien preżenti biss għaliex kienu qed isiru l-preparazzjonijiet biex jingħata il-konkos għal bini tas-soqfa fejn kien impratikabbli li jsiru xi strutturi tal-injam biex iservu ta' ilqugħ, u għalhekk huwa ma kellu qatt jinstab ħati ta' l-istess. Illi jibda biex jingħad illi dan il-fatt minnu allegat, u mhux ippruvat, ikompli jikkonvinċi lil Qorti li ebda pjan rigward is-saħħa u sigurta' tal-ħaddiema ma kien tħejja minnu biex allura, fost oħrajn, ikopri għal din l-eventwalita'.

Illi, l-Qorti tagħmel referenza għal dak indikat fir-rapporti tal-*Project Supervisor* u ukoll tal-uffiċċjali tal-OHSA fejn kien identifikat riskju ta' waqgħat mill-għoli saħansitra sa mit-13 ta' Lulju 2020, kif rappurtat mill-*Projects Supervisor* stess, liema riskju kien għadu hemmhekk nhar il-15 ta' Lulju 2020 meta nħareġ l-*istop order* in kwistjoni, propju minħabba f'dan il-perikolu. Dina l-Qorti tinnota li fl-ebda ħin ma nġiebet prova mill-appellant li dan ir-riskju kien inevitabbli, kif qed jallega. Għalhekk in vista ta' dan kollu, anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**